# MILL-GETSEMNI SAL-QABAR

Il-Lhud fil-bidu tar-Rebbiegħa kienu jagħmlu l-Għid il-Kbir tagħhom tifkira ta' meta Alla ħelishom mill-jasar bis-saħħa ta' Mosè. Lejliet dik inhar kull familja kienu jieklu ħaruf u jixorbu l-inbid u jgħannu flimkien għana ta' tifħir 'l Alla. Hekk ukoll għamel Ġesù: kiel l-ikla tal-Għid mal-Appostli. U kien jaf li l-għada kellu jkun maqtul, għax kif qagħdu bil-qegħda jieklu qalilhom li dik kienet l-aħħar ikla tiegħu fuq l-art.

Waqt l-ikla wieħed mill-Appostli, Jehuda, ħareġ 'il barra. U wara l-ikla, Ġesù ħareġ ukoll ma' l-oħrajn, u mar barra mill-belt, ġewwa għalqa sigar taż-żebbuġ.

Hemm il-ferħ ta' Ġesù tbiddel f'niket, u xteħet għar-rkubtejh fuq blata watja, u qiegħed wiċċu mal-art u beda, jokrob u jitniehed u jitlob 'l Alla li jbiegħed minnu dak il-hemm li kien ġej fuqu; imma talbu wkoll li fuq kollox, *jagħmel kif irid Hu*, "Abba!" beda jgħid, "kollox jista' jsir għandek, biegħed minni din is-siegħa. Imma jsir dak li trid Int, m'hux dak li rrid jien!"



*Ġerusalem — Dehra tal-Ġnien tal-Getsemni u l-Bażilka tal-Agonija. Fuq, qalb is-siġar, il-knisja ta' santa Maddalena tar-Russi.*

Din kienet l-agonija. Għax *agonija* hi kelma Griega li tfisser *taqbida*. U Ġesù dak il-ħin kien qiegħed f'taq-

bida: taqbida bejn il-ġisem u r-ruħ. Il-ġisem igħidlu: "Aħrab! għax il-mewt hija kiefra!" u r-ruħ tgħidlu: "Le! Ibqa' hawn ħalli tkun maqtul!"

Kemm damet sejra dit-tiġriba, ma hux magħruf. Forsi siegħa, forsi anqas, forsi aktar. Ġesù rebaħ. Għax kieku ried jaħrab, ma kellux ħlief ftit passi biex jilħaq il-ġemgħat ta' sħabu l-Galilin, u l-Lhud ma kienux jaqbduh, għax dawk kienu jaqbżu għalih jew jintilef fosthom. Imma dan ma għamlux. Hemm baqa' sa kemm ġew il-għedewwa għalih u qabduh u rabtuh u ġarrewh magħhom lejn il-qorti. Hekk kienet ir-rieda t'Alla, u Ġesù qagħad għaliha, u hekk sar.

U l-glorja li kellu Ġesù jumejn qabel, meta ħadd ma sata' għalih fost il-ġemgħat tas-semmiegħa f'nofs it-Tempju ta' Ġerusalem, f'daqqa waħda għabet, u minn bdielha ġie l-għajb. Ġesù ma għadux is-sultan tal-Lhud, il-poplu t'Alla, imma sar il-lsir tar-Rumani, jiġifieri tal-Pagani. Hekk kienet ir-rieda t'Alla u hekk sar. Sagrifiċċju akbar minn dan ma jistax jingħata meta wieħed jissagrifika għal Alla lilu n-nifsu.

Għax dan hu l-qofol tad-dnub: li wieħed jistma aktar lilu n-nifsu, li hu qaddej u maħluq, milli jistma' l-Alla, li hu sid u ħallieq.

## IL-FLAĠELLAZZJONI TA' SIDNA ĠESU' KRISTU

Meta l-għases tat-Tempju b'amar il-Qassis il-Kbir tal-Lhud, qabdu lil Ġesù fil-Ġnien tal-Ġetsemni, niżlu bih fil-wied ta' Kedron, telgħu telgħa żgħira u daħlu bih fit-Tempju, li jinsab hemm qrib. Hemm qasmu l-bitħa l-kbira u ħarġu minn bieb ieħor, għal fejn kien jinġama' l-Qorti tas-Sanħedrin.

Is-Sanhedrin kien ġemgħa ta' sebgħin Xiħ, li kienu jagħmluha ta' membri tal-Parlament Lhudi u wkoll bħal ta' Ġurati tal-Qorti, u r-Ras tagħhom kien il-Qassis il-Kbir, li jagħmilha ta' President. Hemm lil Ġesù ħaduh biex jagħmlulu bħal kumpilazjoni. Dak il-ħin kien bil-lejl, u ma setgħux skond il-Liġi tagħhom jagħmluha; imma huma għamluha għax kienu mgħaġġlin, għax riedu jeħelsu minn Ġesù malajr kemm jista' jkun, biex jgħaddu l-Għid il-Kbir tagħhom moħħhom mistrieħ. Għalhekk l-ewwel għamlu l-laqgħa dak il-ħin, imbagħad reġgħu ltaqgħu, biex jagħmlu l-konklużjoni, filgħodu meta beda jisbaħ, biex bħalli kieku l-Liġi ma kisruhiex. Il-Qassis il-Kbir li quddiemu kien meħud Ġesù kien jismu Jusef Ben Khajjâfa, raġel makakk għall-aħħar, ara kemm li għad li t-tliet Qassisin ta' qablu kienu damu fil-karga kull wieħed sena biss, hu, billi dejjem ħaddem rasu, dam tmintaxer sena mis-sena 18 sas-sena 36 A.D. Il-ħtija li ġiebu fuq Ġesù kienet li hu qal li kellu jwaqqagħlhom it-Tempju, għal dan ġebuh li kien ħati tal-mewt. Ġesù ma kienx qal hekk; kien qal lil wieħed mid-dixxipli tiegħu, li minn dak il-bini kbir kollu għad jiġi żmien li fih ma tibqax ħaġra fuq ħaġra. Imma l-Lhud biddlu ftit minn kliem Ġesù biex jiftiehem xorta oħra. Hawn ħafna nies li jħobbu jagħmlu hekk il-lum ukoll, ibiddlu kelma minn kliem xi ħadd, biex jiftiehem ħażin.

Fil-għodu kmieni, malli ħallet il-laqgħa tas-Sanhedrin, il-Qassisin tat-Tempju u l-għassiesa u l-ħuttâba

(jiġifieri l-*avukati*), ħadu lil Ġesù quddiem Pilatu, biex isaħħilhom is-sentenza tal-mewt. Pilatu, billi l-"ħtija" kienet xi ħaġa fuq il-Liġi tal-Lhud, ma kellux jindaħal fiha, u li kieku lill Ġesù ma bagħtux hemm il-Qassis il-Kbir, li kien qisu l-Papa u kien ukoll taparsi re, Pilatu kien ikeċċihom minn quddiemu. Imma la darba bagħtu dak, Pilatu kellu minnkejja fih jara x'sa jagħmel, biex ma jixluhx lill-Imperatur. Għalhekk ħaseb biex iġiegħel lin-nies li kienu nġabru li jitolbuh jeħelsilhom lil Ġesù billi għall-Festa l-Kbira kien kull sena jeħelsilhom wieħed. Imma billi l-Galilin li kienu jafu sewwa lil Ġesù u kienu ġew miegħu Ġerusalem għall-Għid, ma kienux hemm, għax aktarx li kienu ħarbu minn fuq il-muntanja taż-żebbuġ meta għarfu li Ġesù nqabad, u l-Lhud ta' Ġerusalem u t'artijiet oħra ma kienux jafuh sew, għax tliet darbiet biss kienu rawh jgħallem fit-Tempju, għal hekk il-ħsieb ta' Pilatu ma seħħx. Il-Qassisin bdew jiġru qalb in-nies u jgħidulhom jitolbu lil Pilatu jeħelsilhom lil Barabba u jsallab lil Ġesù. U hekk sar.

Meta bniedem kienu jaqtuhielu għal mewt, dak iż-żmien, ir-Rumani qabel ma joqtluh, kienu jagħtuh is-swat. Is-swat kienu jagħtuhulu fuq il-post tal-qtil, qabel isallbuh (jew jaqtgħulu rasu) sewwa. Imma lil Ġesù sawwtuh hemm, ġewwa l-Maħkma, fejn kien Pilatu, qabel ma ħaduh għal mewt. Aktarx li Pilatu ried li jsir hekk biex iqanqal lin-nies għal ħniena, u fl-aħħar jeħles lil Ġesù mill-mewt. Pilatu, mela, telaq lil Ġesù f'idejn is-suldati biex jagħtuh is-swat.

Is-swat kien ħaġa tal-biża'. Ara kemm, li kien hemm nies li bis-swat biss kienu jmutu. Lil dak li jkun l-ewwel kienu jneżżgħuh għarwien, u s-swat kien jingħata minn żewġ suldati bi frosti bi tliet qfieli tal-ġild kull waħda, u f'tarf kull qafla boċċa taċ-ċomb jew għadma tal-għaksa ta' gidi. Dil-frosta kienu jgħidulha *flagrum*, inkella *flagellum*, jiġifieri *ħruq*, għax wara s-swat biha. il-ġisem kien jisfa donnu maħruq, jew mixwi. Kienu jorbtu lil bniedem b'idejh fuq rasu, fil-għoli, u jagħtuh b'dawk il-frosti wara u quddiem, fuq dahru, u fuq sidru, u fuq irkubtejh u l-qasab ta' saqajh. Fil-liżar li keffnu lil Ġesù fih wara li miet, li issa jinsab Torin, ix-xbieha ta' dahar u sider Ġesù, imtertqin bis-swat, għadha tidher sewwa.

## L-INKORONAZZJONI TA' ĠESU' BIX-XEWK

Il-Qassis il-Kbir, meta bagħat lil Ġesù għand Pilatu (il-Ħakem tal-biċċa tal-Palestina li kienu jgħidulha Jeħudija) fost ħwejjeġ oħra bagħat jgħidlu li Ġesù kien irid isir re ta' din il-biċċa art. Għax meta miet Erodi x-Xiħ, fis-sena 4 qabel Kristu, is-saltna li kellu, il-Palestina, kienet maqsuma b e j n it-tliet uliedu: Arkelaw, Antipa u Filippu.

Arkelaw ħa ftit anqas minn nofsha (il-Jehudija, is-Samarija u l-Idumija) u l-bqija qasmuh Antipa u Filippu, bejniethom it-tnejn. Arkelaw, għaxar snin wara, kien imneħħi minn re, u minn floku beda jsir wieħed Ruman, bl-isem ta' Prokuratur. Imma kull ftit taż-żmien kien jinqala' xi ħadd li kien irid jsir hu re tal-Jehudija, bħal ma kien qabel Arkelaw, u li jarġa' jitneħħa l-Prokuratur. Għal dan il-Qassis il-Kbir bagħat jgħid

hekk lil Pilatu, biex Pilatu jemmen, billi ma kenitx l-ewwel darba li ġara dan. Hekk jiftiehem malajr għaliex is-suldati Rumani lil Ġesù libbsuh kuruna tax-xewk. Imma ħalli nfissru l-ħaġa ftit aħjar.

Il-post fejn kien qiegħed Pilatu dak iż-żmien tal-Għid il-Kbir (kien tala' Ġerusalem għall-festa, mhux biex jieħu gost jaraha, imma biex jekk tinqala' xi tixwixa jrażżanha malajr; għax id-dar tiegħu kienet f'Qajsarija, belt fuq xatt il-baħar, ftit 'l isfel minn Hajfa), kienet fortizza kbira mibnija mill-Makkabin u mkabbra u msebbħa minn Erodi x-Xiħ, li semmejna l-ewwel. Din kienet imdawra bi swar għolja u mħarsa b'erbat ibrâġ, u minn ġewwa kienet maqsuma fi tnejn, naħa għolja u naħa baxxa. In-naħa l-baxxa kienet iċċangata b'ħaġar kbir, kull ħaġra fiha (għax hemm għadha) tlett ixbar tul u xi xibrejn u nofs wisa'. Għalhekk kienu jgħidulha *Litho-Strotos*, jiġifieri *ċangar tal-ħaġar.*

Is-suldati mela, li għad li kienu jaqdu lil Ruma kienu qishom kollha Surijin, li jobgħodu lil-Lhud, meta semgħu li Ġesù kien maqbud u miġ-



*Ġeursalem — Kappella fuq il-post fejn Ġesù kien marbut fil-kolonna u msawwat, fil-Pretorju.*

jub għal ħaqq għax ried isir re, nġemgħu lkoll flimkien u għamlu waħda minn tagħhom. Qiegħdu bil-qegħda fuq xi ħaġa lil Ġesù, hemm ġewwa l-bitħa, xeħtulu fuq dahru biċċa drapp tlellex u barmu fergħa xewk u qegħduhielu fuq rasu bħala kuruna. U biex ikun b'kollox, ġiebu biċċa qasba u qegħduhielu f'idu bħala xettru, biex taparsi għamluh rè. Bħalli kieku riedu jgħidlu: "Rè tal-Lhud trid issir? Rè tal-Lhud nagħmluk!" U hekk qatgħu xewqit-hom minn żewġ naħât, għax għad-dew iż-żmien u qagħdu jinku lil-Lhud li kienu hemm ftit bogħod iħarsu, bħalli kieku jgħaddu ż-żmien bir-rè tagħhom. Bdew ukoll jeħdulu l-qasba u jagħtuh biha fuq rasu, u jobżqu fuqu u dan, għemil li tistennieh min-nies ta' kafkaf bħal ma kienu jkunu s-suldati. Għax dawk għal hekk kienu jidħlu suldati, għax kienu jkunu nies mill-agħar u ma huma



*Ġerusalem — L-Ark tal-Pretorju, fejn is-suldati għabbew is-salib fuq kitfejn Ġesù u mexxewħ lejn il-Kalvarju.*

tajbin għal xejn.

Din l-inkoronazzjoni ta' Ġesù bix-xewk, għad li S. Mark u Mattew kitbuha *wara* l-flaġellazzjoni, aktarx li ġrat *qabel* jiġifieri, meta Ġesù ħareġ minn quddiem Erodi Antipa. Sinjali ta' dan huma: (a) S. Luqa jgħid li Erodi qagħad jiddieħek b'Ġesù mas-suldati tiegħu, u libbsu libsa tleqq (peribalôn esthèta lamprâ) (b), S. Luqa ma jsemmi xejn l-inkoronazzjoni fejn kien imissu jsemmiha u San Mark u San Mattew ma jsemmux il-mawra ta' Erodi; u (c), San Mattew jgħid li lil Ġesù neżżgħuh (kai ekdysantes avtòn) qabel l-inkoronazzjoni bix-xewk. Mela ma kienx *wara* l-flaġellazzjoni, għax waqt il-flaġellazzjoni *ċert* li Ġesù kien imnażża'.

Għaliex l-inkoronazzjoni bix-xewk ġiet ittrasportata, jiftiehem malajr. Meta nkiteb l-ewwel Evanġelju, Erodi Antipa kien għadu qawwi sħiħ (qabel is-sena 39 A.D.) u l-Insara ma rieduhx jieħu għalih u jibda jaħqarhom bla ħtieġa. U dan l-ispostament sata' jsir malajr għax Erodi u Pilatu aktarx kienu ġewwa fortizza waħda, li kif għedna l-ewwel, u għadha tidher s'issa, kienet maqsuma fi tnejn. Wieħed kittieb Lhudi ta' dak iż-żmien, Ġużeppi Flavju jgħid li Pilatu meta jmur Ġerusalem ma kienx joqgħod fl-"Antonia", imma fil-palazz l-ieħor, fil-belt ta' fuq. Għalhekk Erodi Antipa kien joqgħod fiha. U dik is-sena Pilatu wkoll fettillu jmur joqgħod hemm.

## IL-MIXJA TA' ĠESU' GĦAT-TISLIB

Meta s-suldati taw is-swat lil Ġesù, kif kien isir wara s-sentenza tal-mewt libbsuh ħwejġu u għabbewh l-għuda tas-salib, u ħarġu bih u bit-tnejn l-oħra li kien hemm ukoll għal mewt, biex isallbuhom f'nofs il-misraħ tal-Kalvarju.



*Ġerusalem — Biċċa mit-telgħa li tieħu lejn il-Kalvarju, kif inhi issa. Qabel kienet wieqfa aktar minn hekk, Għax Ġerusalem iġġarrfet u nbniet xi tliet darbiet.*

Imma donnu li Ġesù kien aktar batut miż żewġ ikkundannati l-oħra; u kellu biex. L-ewwelnett, bis-swat li kien qala' ma' tul dawk il-ħdax jew tnax-il siegħa, li kien ilu maqbud; it-tieni, għax aktarx li Pilatu wissa lis-suldati li fis-swat lil Ġesù jagħfsuh aktar mill-oħrajn, biex jew imut taħt is-swat, jew iħennu għalih in-nies u jħalluh jeħelsu. U hekk, hu

la jidher li kkundanna bniedem bla ħtija, anqas li ma tâx widen lil Qassis il-Kbir. Għalhekk Ġesù aktarx li meta għabbewh il-għuda tas-salib u mexa ftit passi, waqa' biha, għal kemm ma kenitx tqila wisq.

Kif toħroġ mill-fortizza "Antonia" hemm niżla li tinfed ma' triq watja, li tiġi minn wieħed mill-bibien tal-belt u tieħu għan-naħa tat-Tempju. Minn dik it-triq kien għaddej raġel li hu, ir-reffiegħ, ma riedx jagħmilha dik il-biċċa xogħol, u mhux wisq ta' minn ilumu, għax min jaraħ sata' jaħseb li kien hu li sejjer għat-tislib. Imma kellu jagħmilha.

Lil min kien ikun sejjer għal mewt, kienu jgħadduh mill-iktar toroq imwennsa, biex jarawh ħafna nies, u jibżgħu mill-ħtija. U dan jidher li għamlu s-suldati Rumani meta ħadu għal mewt lil Ġesù. Għax il-mixja



*Kif kien il-Kalvarju fi żmien Kristu, qrib is-swar ta' Ġerusalem. Il-Qabar li difnuh fih hu dak tal-bieb wiesa', bejn is-siġar tal-palm u s-siġra taż-żebbuġ.*

*kirjani*, jiġifieri *reffiegħ*, li *jinkera* biex jarfa' xi ħaġa, u kien battal, għax kien ġej lura minn *kirja*. U ċ-Ċenturjun, li kellu fi ħsiebu t-tislib kif rah, ħatfu malajr, u ġiegħlu jarfa' s-salib ta' Ġesù, li kif għedna, ma kienx jiflaħ, u jimxi warajh bih, sal-Kalvarju. Il-kelma miktuba fl-Evanġelju ta' San Mark u San Mattew, *aggarevousin*, jiġifieri *ġiegħluh*, turi mill-"Antonia" sal-Kalvarju hi mqassma fi tlieta: l-ewwel biċċa niżla; imbagħad ftit passi minn triq watja, u wara din, telgħa wieqfa u twila. Tnejn minn dawn it-tliet toroq il-watja u t-telgħa, kienu jiġu mill-bibien tal-belt u jieħdu lejn it-Tempju; jiġifieri kienu jgħaddu minnhom qatiegħ nies, għax it-Tempju, l-aktar dawk il jiem tal-Għid il-Kbir, kien

ikun dejjem mimli bil-ħlejjaq; u ħada l-bibien, kienu, is-sena kollha, u l-aktar dik il-ħabta, jgħamlu bħal suq, ibiegħu bhejjem u żrieragħ, ħwejjeġ tal-lbies u tal-ikel, żejt u nbid u dan. Għalhekk minn jaf x'geġwiġija ta' nies kienu għaddejjin.

San Luqa (li xi ħwejjeġ kitilbhom aħjar miż-żewġ Sinottki l-oħra, għad li xi ħwejjeġ oħra huma kitbuhom aħjar minnu), qal ħaġa ta' min isemmiha li kif kien sejjer għal mewt Ġesù mal-ħallelin kienu mexjin warajh ruxxmata nies, u wkoll ħafna nisa. In nisa kienu jibkuh u jnewwħu għalih. B'hekk jidher li Ġesù kien miexi l-aħħar wieħed fost it-tlieta, għax in-nies ma jistax ikun li kienu f'nofs l-purċissjoni ta' dawk li kienu sejrin għal mewt. Jidher ukoll li kien hemm id-drawwa li bħal ma wara l-għarajjes mexjin għall-għors kienu jmorru n-nisa jgħannu bil-ferħ, hekk wara l-magħdumin sejrin għal-qtil, kienu jmorru n nisa jnewwħu binniket.

Mis-seklu Tlittax 'il hawn fit-triq li għadda minnha Ġesù hu u sejjer għall-Kalvarju, issir il-Vija Sâgra li fost l-oħrajn, fiha tliet waqfiet fejn Ġesù waqa' fl-art bil-għejja u d-dâgħfa. Tgħid minnu li Ġesù waqa' fit-triq? Aktarx iwa, għalkemm ebda wieħed mill-Evanġelisti ma jsemmi dan.

U aktarx minnu wkoll li kien miexi bil-kuruna tax xewk f'rasu. Għax kien ikun jaqbel mat-*titulus* jew tabella, li kellha titwaħħal fuq is-salib tiegħu. Din kien fiha miktub li Ġesù kien "*Melek Jehudaja*" jiġifieri *Re tal-Lhud*.

Din mela, kienet l-aħħar mixja, u l-aktar mixja mixhura ta' Ġesù. Dan kien il-kortew il-kbir tiegħu, meta kien sejjer jitla' fuq it-tron tar-Renju li tawh il-bnedmin. Kemm qal sewwa darba, li r-renju veru tiegħu ma kienx ta' daż-żmien, anqas ta' diddinja!

## IL-MEWT TA' ĠESU' FUQ IS-SALIB

Ġerusalem, fi żmien Kristu, bħal ma kienu jagħmlu Malta sa ftit żmien ilu, l-ikkundannati għal mewt (barra għalina u għal proxxmu kollu), kienu joqtluhom barra bieb il-belt. Hawn Malta kienu *jgħallquhom* fix-Xagħra tal-Furjana, u Ġerusalem, dak iż-żmien, kienu *jsallbuhom*, biex ngħidulha hekk, fix-Xagħra tal-Golgota, qrib il-bieb tal belt ukoll.

Dik ix-xagħra kienet biċċa art watja u kennija; għax minn żewġ naħât, Xerq u Qibla, kellha jilqagħha s sur ta' Ġerusalemm, u min-naħa tal-Għarb, kellha blat maqtugħ dritt u għoli. Dil-wetja kienet wiesgħa qrib il-mija u ħamsin jarda (magħruf, għax il-blat l-għoli għadu hemm, u minn fejn kien jgħaddi s-sur jidher sewwa), u t-tul tagħha ma tistax tgħid kemm, imma dejjem aktar minn mitejn u ħamsin jarda. Ġewwa dil-wetja kienu jagħmlu suq fil-beraħ ibiegħu bhejjem u ġwież, qamħ u xgħir, żejt u nbid, u frott u żrieragħ. In-nies ta' l-antik is-suq dejjem kienu jagħmluh xi mkien kenni, ġewwa xi ħofra. Għalhekk il-Griegi ħadu l-isem minn għand il Kanghanin u semmewh "agòra" mill-Kangħani "Al-gòra", jiġifieri: *il-ħofra*.

Mela, kif il-purċissjoni tal-mewt ħarġet mill-bieb ta' Ġerusalemm, lil Ġesù u liż-żewġ ħallelin, tellgħuhom fuq il-blâta, għolja xi ħmistax-il xiber li kien hemm f'nofs dik il-wetja. Lil Ġesù aktarx li *refgħuh* biex tellgħuh

fuq dik il-blâta, għax bil-Grieg hekk miktub fl-Evanġelju ta' San Mark (XV, 22: kaì *ferousin* avtòn epi ton Golgotân) ara kemm kien sfinît u tiewi bil-għejja u l-moħqrija. Hemm sallbu lil Ġesù u liż-żewġ ħallelîn. Kif kien is-salib mhux magħruf sew. sewwa; u dan magħruf bla dgħul, għax ir-raġel jew suldat x'kien, biex wassal sponża sa xufftejn Ġesù, ma laħaqx b'idu, imma kell jwaħħalha f'tarf ta' qasba.

Ġib mela quddiem għajnejk ix-xena tal-Golgota. F'nofs ta' misraħ kenni




*Il-Kalvarju kif kien sal-1808, u kif qisu għadu issa.* (1) *bieb il-Bażilka;* (2) *l-oqbra ta' Goffredu de Bouillon u Baldwinu I, slaten ta' Ġerusalem;* (3) *kappella t'Adam;* (4)*kappella tal-Griegi, fuq il-Kalvarju, fejn Ġesù miet fuq is-salib;* (5) *kappella tal-Franġiskani fejn Ġesù kien imsammar mas-salib;* (6) *fejn keffnu lil Ġesù qabel ma qegħduh fil-qabar.*

Sata' kien għuda waħda, wieqfa (*stipes*), u sata' kien b'żewġ għudiet waħda wieqfa u oħra mimduda (*stipes* u *patibolum*), bħas-slaleb li naraw l-aktar tad-drabi fit-tpinġija. Kien kif kien, is-salib kien għoli quddiem bieb il-belt, blâta għolja qisha m'ogħla bejt, u fuqha tliet irġiel imsallbin, imsammrin ma' tliet seratizzi wieqfa. Taħt is-slaleb sew, fuq il-blâta, bil-qegħda fl-art, is-sallaba. Ma' dwar il-blâta, isfel, is-

suldati Rumin, għassa, biex ħadd ma jersaq aktar milli jmissu. Il-misraħ mimli bin-nies ta' kull xeħta foqra u għonja, żgħażagħ u xjuħ, Lhud tal-Palestina u Lhud ta' barra, li ġew għal Għid il-Kbir Ġerusalem. Kulħadd iħares lejn l-imsallbin, isaqsu xi ħaġa fuqhom u jgħidu xi kelma. Ġemgħa ta' rġiel xjuħ bil-leħja kbira u griża jew bajda, qrib sewwa tal-blâta, jidħku u jitgħamżu, u ma' ġenbhom grupp ta' żagħżagħ iħabbtu jdejhom u jgħannu, biex jinku lil Mislub tan-nofs:

"Ja li teħreb il Muqâm,
"Wa tibnîh fi tlett ajâm,
"Ħallas ħâlak mill-egħdam!"

U fuq il-blât għoli u wieqaf li semmejna l-ewwel, bgħid mir-rġiel, weħedhom, quddiem il-blâta tal-Golgota sew, grupp ieħor żgħir ta' nisa, jibku u jnewwħu. U f'nofshom wiefqa Waħda Mara...... wiċċha mixrub, għajnejha ħomor u d-dmugħ nieżel minnhom...... ta' ma' dwarha jkellmuha u ma tweġibx...... tħares fiss lejn il-Mislub tan-nofs, u drabi xufftejha jiċċaqalqu, donnha qegħda titkellem f'qalbha...... Min hi Dik il-Mara?......

Qatt ħsibt li l-ġrajja tal Golgota hija xbieha ħajja tad-dinja li ninsabu fiha? Ġesù msallab bejn żewġ ħallelin. Il-bniedem Waħdani safi u qaddis fost ulied Adam, ibati xorta waħda bħal żewġ ħallelin, qattiela u midinba. Wieħed minnhom webbes rasu fi ħżunitu, u x-xitan inqeda bih biex jerġa jġarrab lil Ġesù biex ma jkomplix ir-rieda t'Alla. Qallu: "Jekk int Kristu eħles lilek innifsek u lilna!" (Bħal ma kien qallu darba oħra: "Jekk int Bin Alla, agħmel lil dal-ħaġar ħobż!") Imma l-imsallab l-ieħor, għad li midneb ukoll, stqarr dnubietu; u qal: "Aħna ħaqqna"; u rrassenja ruħu għax kien ibati, biex iħallashom: "Aħna ħadna li jistħoqq għemilna". U stqarr u emmen is-safa' u l-qdusija ta' Ġesù "dan ma għamel ebda deni". U fl-aħħar wera x-xewqa u t-tama tal-maħfra bis-saħħa ta' dak li kien mislub miegħu, li emmen li kien Iben Alla, u qallu kliem ta' umiltà kbira: "Mulej, iftakar fija, meta tiġi fil-kobor tiegħek!"

U hekk hija wkoll id-dinja. Fid-dinja ma hawnx tajbin u ħżiena, imma hawn nedmin u ħżiena; u Ġesù qiegħed fin-nofs, jifred lin-nies minn xulxin. Fost ulied Adam, Ġesù biss huwa bla dnub, u daħal fis-sema bil-jedd. Il-bqija kulħadd midneb, u ma hemmx dħul fis-saltna t'Alla ħlief bil-maħfra u l-ħniena ta' Dak li miet imsallab bla ħtija.

## ID-DIFNA TA' ĠESU' FIL-QABAR

Wara xi tliet siegħat li Ġesù kien ilu msallab, miet. Miet, malli wieħed raġel, jew suldat, x'kien, newillu jixrob il-ħall minn sponża mwaħħla fuq qasba. U meta taqra dal-episodju fl-Evanġelju ta' San Mark u San Mattew, donnu jagħtik li taħseb li l-mewt għall-għarrieda ta' Ġesù kellha x'taqsam mat-tinwil tal-isponża. Għax malli xorob, u dak neħħielhu l-isponża minn ma' xuftejh, għajjat għajta kbira u miet f'daqqa, bħal min jinfdulhu qalbu b'xi ħaġa.

Meta sar fil-għaxija (hekk miktub fl-Evanġelji ta' Mark u Mattew), jiġifieri biċċa ħin sewwa wara li Ġesù kien miet, ġie wieħed raġel, ras kbira jismu Ġużeppi, u daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù, jiġi-

fieri l-*katavru* tiegħu, biex jidfnu. Il-fatt li dan Ġużeppi ma marx mill-ewwel għand Pilatu malli Ġesù miet, imma wara xi sagħtejn, donnu jagħtik taħseb li dan ir-ras kbira, dak in-nhar, ma kienx qiegħed Ġerusalem, imma wasal dak il-ħin, għax xi ħadd kien bagħat igħidlu li lil Ġesù kienu qabduh u kkundannawh għal mewt. Donnu li ġie jaqbeż għalih ma' Pilatu Pilatu baża' li Ġużeppi sa jqarraq bih u jieħu lil Ġesù, għaxi imma ħaj, u jarġa' jfejqu. Pilatu imma, meta għaraf minn għand iċ-Ċenturjun li Ġesù kien miet tassew, tagħa l-*katavru* tiegħu lil Ġużeppi, hemm quddiem iċ-Ċenturjun. U ċ-Ċenturjun raġa' mar jindokra l-imsallbin u Ġużeppi mar jixtri liżar biex ikebbeb fih il-Ġisem ta' Ġesù u jidfnu.



*Ġerusalem — Qabar tal-Ewwel Seklu, bil-ħaġra mgerba, bħal dak li qegħdu fih il-Ġisem ta' Ġesù meta nizzluh mis-salib. Il-ħaġra tidher fuq ix-xellug.*

imma sabu li kien mejjet. Hu x'inhu Ġużeppi ma kienx minn Ġerusalem; u billi dak kien żmien il-Għid il-Kbir aktarx li kien qiegħed f'daru, f'Arimatija, biex jgħaddi jiem il-Għid mal-familja.

Pilatu lil Ġużeppi ma emmnux mill-ewwel li Ġesù kien laħaq miet, u bagħat għaċ-Ċenturjun li kellu fi ħsiebu t-tislib, biex jgħidlu sewwa jekk kienx veru. Minn dan jidher li

Fl-Evanġelji Sinottki mhux miktub li Ġużeppi ħasel il-*katavru* ta' Ġesù qabel ma difnu, kif kellhom id-drawwa li jagħmlu l-Lhud tal-Palestina; donnu jidher li Ġużeppi, billi kien sar il-ħin biex tgħib ix-xemx (dik il-ħabta, għall-ewwel t'April, ix-xemx tinżel għal xi s-sitta u nofs, ftit qabel jew ftit wara), u jibda s-Sibt, biex ma jaqbżux fuqu l-Qassisin tat-Tempju u l-ħaddiema tagħhom (li

m'għandniex xi ngħidu kienu hemm għassa donnhom ilpup feroċi) u jagħtuh xi xebgħa għax kiser il-Liġi, u jarmu l-Ġisem Imqaddes ġewwa xi bir, fittex keffen ta' malajr lil Ġesù fil-liżar, u għalqu fil-qabar tiegħu, ġdid, li kien għadu kemm ħaffer għalih stess, dik in-naħa; biex il-pitgħada, kif jgħaddi s-Sibt, jarġa jaqalgħu u jidfnu sewwa (ara l-ktieb tat-tabib Barbet: "La Passione secondo il Chirurgo", faċċata 195 u bnadi oħra fl-istess ktieb). U dan huwa msaħħaħ mill-fatt li n nisa tal-Galileja, Mirjam il-Madliena u xi tnejn oħra, xtraw il-fwieħa fil-għaxija kif għadda s-Sibt (għax il-ġurnata kienet tispiċċa ma' nżul ix-xemx, mhux f'nofs il-lejl, kif ngħidu issa) u marru biex jidilku biha lil Ġesù, fil-qabar, il-Ħadd fil-għodu. U barra minn hekk, mil-Liżar li jinsab Torin, jidher li l-Ġisem ta' Ġesù ma kienx maħsul; għax kieku kien, ma kienux jidhru fih, bħal ma jidhru, il-qtar u ċ-ċarċir tad-dmija.

Miktub fl-Evanġelju li Ġużeppi, malli qiegħed il-Ġisem ta' Ġesù fil-qabar, gerbeb ħaġra kbira fuq biebu u telaq. Kif telaq hekk, u ma bażax li l-Lhud jagħmlu xi azzjoni ħażina? Ma bażax, l-ewwel għax kien is-Sibt, u l-Lhud fis-Sibt ma jistgħu jagħmlu ebda xogħol; u t-tieni, għax il-qabar kien ma' ġenb bieb il-belt sewwa u ma' bieb il-belt, nhar u lejl, kien ikun hemm is-suldati għassa. U billi l-Ġisem ta' Ġesù kien mogħti lilu mill Gvernatur, is-suldati kellhom id-dmir li jindukrawhulu.

Mill-kliem li hemm miktub fl-Evanġelju li Ġużeppi "gerbeb ħaġra kbira" f'bieb il-qabar, nafu ta' liema għamla kien dak il-qabar. Qrib ta' Ġerusalem, għad baqa' kemm il-qabar qadim, bil-ħaġra mdawra, donnha ħaġra ta' mitħna, fil-bieb tiegħu. Il-qabar kien ikun magħmul minn żewġ kmamar imħaffrin fil-blat, waħda wara l-oħra; ta' ġewwa ftit aktar baxxa minn ta' barra. Il-kamra ta' barra (jew *vestibolum*), kienet tkun dejjem miftuħa; u fl-art tagħha. mal-ħajt tal-faċċata kien ikollha ħofra kbira, u fil-ħofra jkun hemm bieb żgħir kemm jgħaddi bniedem u tmiss miegħu l-ħaġra l-imdawra wieqfa ġewwa kanal, li jgerbuha fih, 'l hawn jew 'l hemm, meta jridu jifthu jew jagħalqu l-qabar.

Hekk mela kienet id-Difna ta' Ġesù u hekk temmejna dawn l-erba' kelmiet, ħfief u qosra, fuq il-Misteri tal-Ġimgħa l-Kbira.

BEN JEĦUZA

---

*El biddu jinkîk, xal għajbu u ħattu fîk.* Min irid jinkik, neħħa l-għajb tiegħu u xeħtu fuqek. Aħna l-Maltin ngħidu: "Tal ħanut milli jkollu jbiegħ". U ngħidu wkoll: "Il-għar jgħajjar, u l-għajb jgħajjeb". U dan jidher li hu minnu. Dari, min jgħid bin-nuqqas ta' ħadd ieħor, jagħmel hekk, biex jekk jinkixef tiegħu, in-nes ma jstagħġbux.

*Elf għadu barra, u la għadu ġewwa.* Qawl li jiftiehem tajjeb bil-Malti; aħjar ikollok elf għadu barra, inkella għadu wieħed ġewwa. Għax ta' barra tista' teħles minnhom u ġġennibhom, imma ta' ġewwa dejjem miegħek, u tistenna d daqqa tiġi kull ħin.